## 2.3. Il-messaġġ t'Alla għalina

Il-kotba tal-istorja ta' Malta ngħożżuhom għax jgħidulna x'ġara meta aħna ma konniex għadna neżistu. Meta naqraw l-istorja ta' pajjiżna nkunu qed nagħmlu dan biex nitgħallmu fuq l-imgħoddi tagħna u ta' missirijietna. Meta naqraw il-Bibbja nkunu qed niskopru l-fidi f'Alla kif nibtet u żviluppat f'nies bħalna u fid-dawl ta' kif wieġbu huma, aħna inkunu nistgħu nifhmu Alla kif għadu jitkellem f'ħajjitna llum u tul iż-żmien.

**<u>It-Testment il-Qadim</u>**

It-Testment il-Qadim  hu maqsum f'46 ktieb differenti. Kollha jirrakkontaw l-istorja ta' Alla mal-bniedem sa mill-bidu. Alla huwa ċ-ċentru, imma daqstant ieħor hu l-bniedem li Alla jpoġġieh fiċ-ċentru tal-imħabba tiegħu. Sa mill-ħolqien ta' kollox, Alla jidħol f'din l-istorja tal-bniedem biex isalvah minn dak kollu li jżommu lsir. Fit-Testment il-Qadim tispikka l-iktar il-wiegħda tas-Salvatur. B'hekk Alla, wara li tkellem b'ħafna modi u permezz ta' ħafna nies, fl-aħħar kellimna permezz ta' Ibnu.

**<u>It-Testment il-Ġdid</u>**

Fit-Testment il-Ġdid insibu l-ħajja u l-ħidma ta' Ġesù sal-mewt u l-qawmien tiegħu kif ukoll it-twelid tal-ewwel komunitajiet ta' dixxipli tiegħu. Dak li kien imwiegħed sa mill-bidu, dik il-Kelma, issa saret laħam, Alla li sar bniedem f'Ġesù . It-Testment il-Ġdid jirrakkonta t-twelid, il-ħajja, u dak kollu li għamel Ġesù  sakemm ta ħajtu għas-salvazzjoni tagħna u hekk fih seħħet l-imħabba ta' Alla fil-milja tagħha.